SANTA LUĊIJA

**MINUTI – IS-SEBA' KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 08-15**

Illum, it-Tlieta, 10 ta' Novembru 2015

Il-Kunsill iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.30p.m.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Terrence Ellul, il-Viċi Sindku Frederick Cutajar u l-Kunsilliera: Liam Sciberras u Joe Bonello. L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo ma kienetx preżenti għal din il-laqgħa. Il-Kunsillier Liam Sciberras wasal għall-laqgħa fil-5.50 p.m.minħabba li kellu *lecture* l-Universita'.

**ASSENTI**

Il-Kunsilliera Caroline Galea infurmat lil Kunsill permess ta' *e-mail* li ma settatx tattendi għax kienet tinsab indisposta.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 07-15 li saret nhar it-Tlieta 20 ta' Ottubru 2015 ġew moqrija u approvati. Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 5 tas-Sotto Kumitat Kultura li saret nhar it-Tnejn, 14 ta' Settembru 2015 u l-Minuti tal-laqgħa tas-Sotto Kumitat Kultura Numru 6 li saret nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Novembru 2015 ġew ukoll approvati waqt din il-laqgħa.

### *1.1 Mill-Minuti*

### *1.1.1 Proġett tal-Jogging Track*

Is-Sindku s-Sur Terrence Ellul irrefera għall-minuta 1.1.2 tal-laqgħa preċedenti u nforma l-Kunsill li l-proġett tar-*resurfacing* tal-Jogging Track ser isir minn Sports Malta. Il-Viċi Sindku qal li jieħu pjaċir jisma' li kellu jkun Gvern Laburista li sema' it-talba tal-Kunsill li kien ilu jipprova jġib il-fondi għal dan il-proġett. Is-Sindku s-Sur Terrence Ellul qara dak li ntqal fil-Press Conference li saret minn Sport Malta u kkonferma li dan il-proġett ser jitlesta sas-sena 2016.

### *1.1.2 CCTV Cameras*

Il-Kunsillier Joe Bonello staqsa kienx hemm xi żvilupp fir-rigward tas-sistema ta' CCTV Cameras li għalihom ir-Reġjun Nofsinhar kellu joħroġ s-somma ta' €2,000.00. Ġie spjegat li l-Option 2 li kien beda jikkunsidra l-Kunsill kellha ħafna *running costs* marbutin magħha. Il-Viċi Sindku issuġerixxa li l-Kunsill jikkunsidra Option 1.

### *1.1.3 Skejjel tal-Gvern*

Is-Sindku rrefera għal minuta 3.6 tal-laqgħa preċedenti u qal li kien ser ikun qed jiltaqgħa mal-Headmaster tal-iskola Sekondarja tal-Bniet ta' Santa Luċija u mal-Headmaster ta' l-iskola Primarja u Sekondarja ta' Ħal Tarxien.

### *1.1.4 Ħarġa għal Sqallija*

Il-Kunsillier Joe Bonello irrefera għal SLLC Memo 28-2015 – Ġurnata Sqallija u qal li l-ħarġa li organizza l-Kunsill għal ġurnata fi Sqallija kienet suċċess. Huwa qal li kien hemm grupp tajjeb ħafna. Is-Sindku ta rendikont tal-mawra kollha u rringrazzja lil Kunsillier Bonello tas-sehem tiegħu fl-organizzazjoni ta' din l-attivita'. Il-Viċi Sindku ta proset għal din l-inizjattiva.

### 1.2 Mill-Minuti tas-Sotto Kumitat

Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-minuti tal-Laqgħa tas-Sotto Kumitat numru 5 u 6. Huwa qal li dawn il-minuti jittrattaw l-istess tema dik ta' l-attivita' li ser issir taħt Memo 22-2015 – Skema ta' attivitajiet kulturali għax-xahar ta' Diċembru 2015. Is-Sur Cutajar qal li l-applikazzjoni li tħejjiet għal din l-attivita' ġiet aċċettata u l-Kunsill ser jingħata s-somma ta' €4000.00 mis-Segretarjat Parlamentari għall-Kunsill Lokali biex jorganizza esibizzjoni bl-isem ta' Garden of Serenity International Art Exhibition 2015. Huwa kompla jgħid li l-Kumitat ser ikun qed jaħdem biex jinġiebu aktar fondi u jinsabu *sponsors* biex jagħmlu tajjeb għal xi *shortfall* tal-*budget* allokat għal din l-attivita'. Huwa semma li diġa nġib *sponser* tal-*catering* għal waqt l-inawgurazzjoni ta' din l-esibizzjoni. Huwa qal ukoll li l-

amministrazzjoni ħarġet sejħa għal kwotazzjonijiet għall-istampar tal-katalgu, inviti u *posters.*

Is-Sur Cutajar ta aktar dettalji dwar l-inawgurazzjoni u tal-ġranet u ħinijiet tal-esibizzjoni. Huwa temm jgħid li kif jiġi ffinalizzat il-programm ser jintbagħt għal attenzjoni tal-Kunsill kollu.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn it-Tlieta, 20 ta' Ottubru 2015 u t-Tlieta, 10 ta' Novembru 2015 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 1138-15-O – Sindku Kunsill Tarxien – Presidenti tal-Kunsilli Skolastiċi
- 1043-15-O – Comune di Lubriano – Ittra ta' ringrazzjament
- 1058-15-O - Mepa Environment Assessment Unit – Application NP 00044/15
- 1056-15-O – IPPR China – *Letter invitation for Chinese Garden Designers*
- 1057-15-O – IPPR China – *Letter invitation for IPPR Workers*
- 1160-15-O – *Ocean Intenational Culture & Art Management Ltd. – Letter invitation for Artist*
- 
- 1084-15-O – *Sport Malta – Jogging Track f'Santa Luċija*
- 1145-15-O – Ricky Caruana – *Letter of Acceptance – Tender RM/PF (57-15-02)*

#### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 1054-15-I – Gal Xlokk – Gal Xlokk *Membership Fee(2014-2020) Programme Leader*
- 1080-15-I – Arts Council Malta – *Cultural Calender*
- 1086-15-I – MEPA – Cypress Tree in Triq il-Prinjoli Santa Luċija
- 1088-15-I – Malta Community Chest Fund – Tisjir bil-Qalb
- 1090-15-I – Leon Promotions – Il-Karnival 2016 f' Santa Luċija
- 1093-15-I – Kerygma – Premju Żgħażugħ tas-sena 2015
- 1101-15-I – Government Services – EFD002 – *Application for Parking Bay for Lotto Office*
- 1102-15-I – Angelic Voices – Xmas Concert 2015
- 1120-15-I – AIB Insurance Brokers – *Insurance Claim*
- 1121-15-I – Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili – *Replanting of Ficus Trees*
- 1126-15-I – Malta Post – Malta Post *Mobile Office*
- 1141-15-I – GreenPak – Kalendarju 2016

**2.3** ***Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:***

- ***SLLC Memo 32-2015*** *- European Week for Waste Reduction*

**3. PUNTI MQAJMA**

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1054-15-I il-Kunsill iddiskuta l-korrispondenza mibgħuta mill-Gal Xlokk Foundation fejn il-Kunsill intalab jikkonferma li huwa nteressat li jissieħeb bħala membru fil-Fondazzjoni GAL XLOKK għall-perjodu (2014-2020) Programme Leader. Saret referenza għal dak li ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti dwar dan is-suġġett u l-Kunsill qabel li japprova li jissieħeb bħala membru f'din il-Fondazzjoni.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1080-15-I il-Kunsill innota *e-mail* mill-Arts Council Malta dwar id-Djarju Kulturali għall-attivitajiet li ser isiru bejn Jannar u Marzu 2016.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1086-15-I il-Kunsill innota t-tweġiba tal-Environment Protection Directorate għat-talba li għamel il-Kunsill biex tinqala' siġra taċ-Ċipress minn Triq Prinjoli. Il-Kunsill ħa inkonsiderazzjoni ir-

rakkomandazzjonijiet tad-Direttorat biex is-siġra ma tinqalax iżda tinżabar. Għaldaqstant għandha tinbagħt ittra lil Enemalta biex jiġu rilokati l-*cables* tad-dawl li jmissu ma' din is-siġra partikulari biex ikun tista ssir iż-żabra.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1088-15-I il-Kunsill qabel li jgħin biex isir il-bejgħ tal-ktieb 'Tisjir bil-Għaqal' b'risq il-Community Chest Fund.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1090-15-I il-Kunsill iddiskuta l-proposta ta' Leon Promotions biex jieħu ħsieb l-organizzazjoni ta' attivita' tal-Karnival fil-lokalita' ta' Santa Luċija għas-somma totali ta' €690.00. Il-Kunsill qabel li għandha ssir attivita' tal-Karnival fil-lokalita' ta' Santa Luċija iżda ġie deċiż ukoll li jintlaħaq kompromess dwar is-somma mitlub minn Leon Promotions peress li l-lokalita' ta' Santa Luċija hija lokalita' zgħira u l-Kunsill m'għandux iħallas l-istess ammont li jħallsu lokalitajiet kbar.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru1093-15-I il-Kunsill innota il-korrispondenza minn Kerygma dwar il-Premju Zgħażugħ tas-Sena 2015. Il-Kunsillier Liam Sciberras qal li xtaq jinnomina liż-żgħażugħ li jieħu ħsieb lil abbatini fil-Parroċċa. Huwa ser ikun qed jieħu ħsieb iġib aktar informazzjoni biex tkun tista ssir l-applikazzjoni.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1101-15-I il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni għal *parking bay* fejn l-uffiċċju tal-lottu fi Triq Peprin ġiet aċċettata u l-Kunsill għandu sitt xhur biex jgħamel din il-*parking bay* u titwaħħal tabella.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1102-15-I il-Kunsill iddiskuta l-kordinament tal-Kunċert minn Angelic Voices bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet li qed iħejji l-Kunsill għall-festi tal-Milied. Il-Kunsill ġie nfurmat li hemm bżonn tal-kiri ta' *sound system* għal waqt l-attivita'. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li għal din l-attivita' qed jitħejjew ukoll *posters* u ser issir ukoll bibita' żgħira fi tmiem l-attivita'.

**3.9** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1120-15-I is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsill li l-*claim* li kien sar fir-rigward tal-ħsarat li saru fuq il-globi fi Pjazza 7 ta' Lulju kawża tal-maltempata bis-silġ, kien ġie approvat u ser isir il-kumpens skond il-ftehim li għandu l-Kunsill dwar il-polża tal-assigurazzjoni.

**3.10** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1121-15-I il-Kunsill innota *e-mail* dwar il-*replanting* ta' siġar tal-Ficus li ser jinqalgħu mill-Pjazza Antoine De Paule f'Raħal Ġdid. Wara li l-Kunsill wera nteress li dawn is-siġar jistgħu jiġu *replanted* f'Santa Luċija, l-Kunsill ġie nfurmat li ser jinżamm aġġornat b'kull żvillupp fir-rigward tal-qlugħ ta' dawn is-siġar u r-*replanting* tagħhom.

**3.11** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1126-15-I il-Kunsill laqgħa l-proposta ta' Malta Post biex nhar ta' Tnejn filgħodu jingħataw servizzi offruti mill-Malta Post Mobile Office fil-loakalita' ta' Santa Luċija. Il-Kunsill qabel ma' din il-

proposta u qabel ukoll li l-post minfejn jingħata dan is-servizz għandu jkun f'Dawret it-Torri quddiem l-Għassa tal-Pulizija.

**3.12** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1141-15-I il-Kunsill qabel li jikkopera ma' GreenPak biex jitqassam kalendarju għal kull dar, li jindika l-ġranet li fihom ser jinġabar l-iskart riċiklabbli u l-ħġieġ fis-sena 2016.

**4. KOMUNIKAZZJONIJIET**

**4.1 *Laqgħa mal-Ministru Konrad Mizzi***

Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellu mal-Ministru Konrad Mizzi. Huwa qal li waqt din il-laqgħa saru żewġ proposti minn naħa tal-Kunsill u dawn kienu jittrattaw il-possibilita' li l-*istreet lighting* isir kollu *bl-LED* u l-oħra kienet dwar il-Proġett tal-Community Centre f'Santa Luċija. Dwar il-proposta ta' l-*istreet lighting* is-Sindku qal li jidher li l-Gvern ser joħroġ it-*tenders* fis-sena 2016.

Fir-rigward tal-Community Centre is-Sindku qal li Segretarju Eżekuttiv infurmat li Ministru Mizzi bid-dettalji kollha dwar dan il-proġett u l-Ministru Mizzi deher interessat ħafna tant li talab il-pjanti u l-istimi ta' dan il-proġett. Is-Sur Ellul qal li kienet laqgħa posittiva ħafna u jidher li t-talba tal-Kunsill mhux ser taqa' fuq widnejn torox kif gara fil-passat. Huwa qal li l-Ministru għandu d-dokumenti kollha f'idejh. Huwa tenna jgħid li issa nagħtu ftit taċ-ċans ħalli naraw x'ser jiġri.

Il-Viċi Sindku ta proset lis-Sindku għal din l-inizjattiva.

***4.2 Jogging Track***

Is-Sindku reġgħa semma l-proġett tal-Jogging Track u qal li Sports Malta ser tkun qed tibgħat il-periti biex jaraw ix-xogħolijiet neċessarju biex isir l-*upgrade*. Il-Viċi Sindku qal li fl-aħħar kellu jkun ġvern Laburista li qed iwettaq. Il-Kunsillier Liam Sciberras qal li hu ma jaċettax dan il-kumment.

***4.3 Donazzjoni ta' Siġar u xogħol ieħor fi Triq il-Ġilju***

Is-Sindku qal li kien ġie avviċinat minn residenta li qalet li kellha xi ħbieb mill-Awstralja li xtaqu jagħmlu donazzjoni ta' għaxar siġriet lil Kunsill ta' Santa Luċija. Huwa qal li dawn is-siġar huma sbieħ ħafna u bil-fjuri. Il-Kunsill qabel li dawn is-siġar għandhom jinżraw kif ġej:

- 6 fi Triq il-Ward
- 2 fi Triq Żnuber ma' Triq Helen Buhagiar
- 2 fi Triq Begonja

Is-Sindku għamel ukoll referenza għaċ-ċanta li hemm fi Triq il-Ġilju u qal li din tkun maħmuġa bil-ħmieġ tal-klieb u qtates. Ġie suġġerit li jsir *hedge* bil-lantana biex iservi ta' *barrier* madwar iċ-ċinta.

## 4.4 *Iffirmar ta' Letter of Intent ma GuSu District China*

Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-*Letter of Intent* li l-Kunsill ser jiffirma ma' Gusu District fiċ-Ċina. Huwa qal li d-delegazzjoni minn GuSu ser tasal Malta nhar is-Sibt, 5 ta' Diċembru 2015. Huwa nforma li l-Kunsill ser ikun qed jiffirma l-Letter of Intent f'ċerimonja li ser issir nhar il-Ħadd, 6 ta' Diċembru 2015 fil-11.00 a.m. u programm tal-attivitajiet uffiċċjali marbuta ma' dan il-ġemellaġġ ser tinbagħt lil Kunsilliera kollha. Il-Viċi Sindku kompla jgħid lid-delegazzjoni ser tmur lura ċ-Ċina t-Tlieta, 8 ta' Diċembru 2015. Huwa nforma wkoll li t-tieni parti tal-ġemellaġġ ser jiġi ffirmat fiċ-Ċina fis-sena 2016.

## 4.5 *Xogħol ta' manutenzjoni fi Ġnien is-Serenita' minn ħaddiema Ċiniżi*

Il-Viċi Sindku nforma l-Kunsill li l-ħaddiema Ċiniżi li kellhom jiġu biex jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fuq l-injam tal-istrutturi fi Ġnien is-Serenita,' ser jintalbu jiġu fix-xahar ta' Mejju 2016 peress li bħalissa l-injam ikun imxarrab u ma jkunx iż-żmien idejali biex issir il-manutenzjoni fuqu.

## 4.6 *Servizz ta' Green Wardens*

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet skeda ta' sebgħin siegħa servizz ta' Green Warden bejn is-16 ta' Novembru 2015 u t-22 ta' Diċembru 2015. Saru xi emendi fil-ħinijiet kif proposti kif ukoll fit-toroq fejn irid jingħata dan is-servizz.

## 4.7 *Upgrading tal-Computers tal-Istaff Klerikali*

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill kwotazzjoni biex jiġu *upgraded* il-*computers* tal-istaff klerikali tal-Kunsill. Din il-kwotazzjoni tammonta għas-somma ta' €569.00.

## *4.8* *Saqaf tal-Pump Room fi Pjazza 7 ta' Lulju*

Il-Kunsill iddiskuta ittra li nbgħatet minn Avukat għan-nom ta' resident minn Santa Luċija li talab lil Kunsill biex jitneħħa ċ-ċint ta' erba' filati li hemm mas-saqaf tal-pump room fi Pjazza 7 ta' Lulju peress li warajh qed isiru l-abbużi. Il-Kunsill

innota xi ritratti fejn kien jidher ċar li minn wara dan iċ-ċint tneħħew xi ċnagar ta' ħajt ta' ħanut biex setgħet issir serqa.

Il-Kunsill qabel li jinkariga lil ħaddiema li għandu assenjati miegħu biex jgħamlu *fence* madwar dan iċ-ċint.

### *4.9 Oħrajn*

Il-Kunsillier Liam Sciberras qajjem diversi punti kif ġej:

### *4.9.1 Website tal-Kunsill*

Saret referenza għal *website* li l-Kunsill għandu apparti minn dik tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Huwa staqsa għala din mhix *updated*. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-kumpanija li kienet tipprovdi dan is-servizz issa m'għadiex taħdem fuq *websites*. Hija qalet li l-Kunsill ser ikun qed jiġbor kwotazzjoni biex issir *website* ġdida li tkun tinkludi l-materjal informattiv li qiegħed fil-*website* eżistenti.

### *4.9.2 Żbir ta' siġar u ġonna fi Propjetajiet privata*

Il-Kunsillier Liam Sciberras ippropona li l-Kunsill joffri gwida lil dawk ir-residenti li jkollhom bżonn jagħmlu xogħol ta' gardinaġġ fil-ġonna jew parapetti tar-residenza tagħhom, bħal żbir ta' siġar li jkunu kemxejn kbar.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 5803 sa numru BOV 5858 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu bejn it-12 ta'Ottubru 2015 u l-4 ta' Novembru 2015.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 07-15 (20-10-2015).

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Ottubru 2015 Ammont *Gross* €4484.86

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | Ewro |
|---|---|---|---|
| Karl Cutajar | WM (57-14-03) | SLC35-15 | 425.00 |
| Karl Cutajar | WM (57-14-03) | SLC34-15 CM fees Triq il-Gnien | 2951.61 |
| Nexos Street Lighting | Street Lighting | 2010886 | 1609.67 |
| Owen Borg | SS(57-12-01) | Serv.-Ottubru 2015 | 1024.25 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | Serv.-Ottubru 2015 | 2061.50 |
| Koptasin | Sgns/Mkgs | Triq il-Ġnien | 36.68 |
| Koptasin | Sgns/Mkgs | Triq M. Domenicis | 90.76 |
| Koptasin | Sgns/Mkgs | Triq il-Ġnien | 199.73 |
| Joseph u Spiridione Zammit | RC(57-14-O1) | Serv.-Ottubru 2015 | 2067.48 |

**5.4** Il-Kunsill approva l-ħlas ta' €120.00 għal servizz ta' kordinatur waqt attivitajiet u *courses* li saru fi Gnien is-Serentita' bejn is-16 ta' Settembru 2015 u t-28 ta' Ottubru 2015.

**5.5** Il-Kunsill approva l-ħlas li jammonta għal €99.84 għal servizz ta' emerġenza li ngħata matul ix-xahar ta' Novembru 2015, servizz li qed jinkera kull darba li l-ħaddiem taħt l-iskema CIES li jipprovdi servizz ta' *watchman* fi Ġnien is-Serenita' jkun bil-*leave* jew marid.

## 6. KUNTRATT SS(57-15-03) Kuntratt għal Knis u Tindif ta' Toroq b'Ħarsien lejn l-Ambjent

Il-Kunsill iddiskuta l-offerti li ntefgħu għas-sejħa hawn fuq imsemmija li kienet tagħlaq f'nofs inhar ta' nhar it-Tlieta, 10 ta' Novembru 2015. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għal din l-offerta ntefgħu sebgħa offerti kif jidher fil-lista ta' hawn taħt:

| TENDERER | ADDRESS | TENDER AMOUNT |
|---|---|---|
| Waste Collection Ltd On behalf of Premier Cleaning Ltd | 131, Mdina Road, Żebbuġ | 18,200 |
| Owen Borg | May Flower,Flat 2, Triq Icilio Calleja, Żebbuġ | 14,300 |
| WM Environmental Ltd | 13, Triq l-Għasir, Żebbuġ | 15,980 |
| All Clean Services | Hal Far Road, Birzebbuġa | NIL |
| Christopher Bezzina | Emmanue Crtl Flat 1, Triq Carmen Mallia, San Ġwann | 13,900 |
| Joseph & Spiridione Zammit | 92, Joe Mar, Triq Hal Kirkop,Mqabba | NIL |
| Ronald Bezzina | 8, Flat 1 Berghoff Flats, Triq id-Dulliegħh, Żejtun | 12,600 |
| Carmelo Gauci | 31, Paradise Flat 1, Triq Karmena Micallef, Rabat | 18,900 |
| Jonathan Zammit | 12, Trejqet George B.Shaw, Birzebbuga | 24,000 |

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul dawn l-offerti u qabel li jżomm mal-policy tal-Kunsill li sakemm ma jkunx hemm xi raġuni valida, l-kuntratt għandu jingħata lill-kuntrattur li tefgħa l-orħos offerta li f'dan il-każ huwa is-Sur Ronald Bezzina. Fid-deċizjoni tiegħu l-Kunsill ħa inkonsiderazzjoni lis-Sur Ronald Bezzina kien il-kuntrattur tal-Kunsill fuq dan l-istess servizz bejn is-sena 2009 u 2012 u dejjem ta servizz li bih il-Kunsill kien sodisfatt.

## 7. XOGĦOLIJIET

### 7.1 *Xogħolijiet relatati mat-tindif ta' gutters f'Dawret it-Torri u Triq il-Prinjoli*

Is-Sindku s-Sur Terrence Ellul informa l-Kunsill li kienu tlestew ix-xogħolijiet fuq it-tindif ta' *gutters* li kellu jiġi kkordinat bejn s-sezzjoni Marine, Storm Water and Valley Management u l-kuntrattur inkarigat mill-Kunsill biex inaddaf il-*gutters* f'Dawret it-Torri. Huwa qal li x-xogħol kien wieħed intensiv u għandu jtaffi l-problema ta' għargħar f'din it-triq kull meta tinżel ħafna xita. Huwa qal li għad hemm xi jsir u fix-xhur tas-Sajf ser ikun hemm bżonn li naraw bis-CCTV Cameras fejn jispiċċa l-*gutter*. Huwa elentka numru ta' problemi li ġew nutati waqt dan l-eżerċizzju fosthom il-fatt li l-ilma jrid jgħaddi minn kattusa tas-sitta biss u li f'*gutter* li jagħti għal Dawret it-Torri kienu tpoġġew ukoll xi ġebel kbir biex jinblukkaw dan il-*gutter*.

Huwa qal ukoll li madwar it-trianglu f'Dawret it-Torri l-ewwel tlett *gutters* huma fi stat tajjeb u ġew imnaddfa, iżda meta saret it-triq minn Trasport Malta fis-sena 2007, il-kuntrattur baqa' għaddej minn fuq il-kumplament tal-*gutters* ta' madwar it-trianglu. Is-Sindku sostna dak li kien qed jgħid billi ppreżenta quddiem il-Kunsill ritratti li nġibdu waqt li jien għaddej ix-xogħol.

Il-Viċi Sindku qal li meta ġiet *resurfaced* parti minn Dawret it-Torri minn Trasport Malta, l-Kunsill kien ġibdilhom l-attenzjoni dwar l-ammont ta' ilma li jgħaddi minn din it-triq iżda dawn ma' kienux ħadu l-parir tal-Kunsill. Huwa rrefera wkoll għat-toroq li kellhom isiru minn Transport Malta bejn l-2004-2008 u qal li saret biss biċċa minn Dawret it-Torri u biċċa minn Vjal Oleandri fejn l-anqas il-bankini ma kienu saru.

### 7.2 *Problema tal-għargħar fi Triq il-Ġnien*

Is-Sindku qal li waqt li kien qed isegwi dawn ix-xogħolijiet nhar is-Sibt, 7 ta' Novembru 2015 kien ġie nfurmat bl-artiklu li deher fuq in-Nazzjon tal-Ġimgħa, 6 ta' Novembru 2015 fir-rigward ta' Triq il-Ġnien. Huwa stqarr li min kiteb dan l-artiklu ma kienx infurmat dwar x'kien qed jiġri. Huwa qara l-artiklu u qal li dak li nkiteb ma jirriflettix it-tmexxija tiegħu fil-Kunsill. Huwa qal li ma kien jinsab taħt l-ebda pressjoni u hu ma kienx ser joqgħod jippunta subajh lejn ħadd iżda kien ser jerfa ir-responsabbilta' u bil-kunsens tal-Kunsill ser ikun qed jagħmel kull mezz possibbli biex tissolva l-problema tal-għargħar f'din it-triq għax mhux ser iħalli lir-residenti b'dan l-inkonvenjent. Huwa qal li l-*gutters* fi Triq il-Ġnien huma kollha mnadfin u qed jiffunzjonaw tajjeb. Huwa temm jgħid li l-problema tinsab fil-*gutter* antik li minn Triq il-Ġnien jagħti għal Triq il-Ġiżimin.

Il-Viċi Sindku s-Sur Frederick Cutajar tkellem fuq Triq il-Ġnien u qal li l-problema tal-għargħar f'din it-triq ilha għexieren ta' snin u qatt ma ġiet indirrizata mill-awtoritajiet. Huwa kompla jgħid li waqt li l-Kunsill kien qed jagħmel xogħol ta' *resurfacing* f'din it-triq taħt l-iskema tal-PPP instab gutter abbandunat u l-Kunsill ħa l-opportunita' biex jirrabilitah ħalli l-ilma tax-xita jimxi u mhux jibqa miġbur f'din

it-triq. Huwa qal li fil-passat min kien bena dan il-*gutter* kien jaf bil-problema u ħaseb biex jindirrizha. Huwa qal li l-Kunsill għamel dak kollu possibli bil-fondi disponibbli. Huwa stqarr li dak kollu li għamel il-Kunsill kollu jaħdem.

Il-Viċi Sindku semma dak li baqgħa xi jsir biex il-Kunsill ikompli jindirizza din il-problema. Huwa rrefera għal ġibja li bena l-Kunsill f'din it-triq u qal li għad jonqos isiru s-*submersible pumps*. Qal ukoll li trid tinsab is-soluzzjoni tal-*gutters* li jgħatu għal Triq il-Ġiżimin. Huwa rringrazzja lil Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li ġew bis-CCTV Cameras biex jaraw il-problema li hemm fil-*gutter* li jgħati għal Triq il-Ġiżimin.

### 7.3 *Manutenzjoni tal-Bankina fi Triq il-Bruka*

Is-Sindku tkellem dwar il-bżonn ta' *upgrading* tal-bankina fi Triq il-Bruka. Huwa qal li wara li nqgħalu żewġ siġar tal-Luq, il-bankina għandha bżonn li ssirilha manutenzjoni estensiva. Huwa qal li għalissa l-bankina set tkun qed tiġi mnaddfa mill-ġebel li hemm ħalli jitneħħa l-periklu. Huwa qal ukoll li ser ikun qed jitlob lil perit kwotazzjoni biex din il-bankina ssir bil-*brushed concrete*.

## TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.30 p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar it-Tlieta, 15 ta' Diċembru 2015 fil-5.30 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum ..................,..... ta' ...................… 2015**

**Terrence Ellul**
**Sindku**